# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 265/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**Vs**

**Carmel Albert Mifsud**

Illum, 6 ta Novembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmel Albert Mifsud detentur tal-karta ta' l-identita' numru 495469(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

*i.* Talli volontarjament, hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura li ghandha numru ta' registrazzjoni *S7S*- 001, proprjeta' ta' Charlie Agius detentur tal-karta tal-identita' numerata 567474M, liema hsara hija ta' aktar minn €1,164.69c ghad-dannu tal-istess Charlie Agius;

*ii.* u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBI908 tal-ghamla Peugeot 206 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

*iii.* u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBI908 naqas li jieqaf wara li din il-vettura bin-mutur fit-triq kienet involuta fincident.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Mejju, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 u l-artikoli tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Carmel Albert Mifsud hat ital-ewwel (1) u tat-tielet (3) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9, kkundannatu ghal ghaxar (10) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar (18) filwaqt imponiet Ordni ta' Protezzjoni a favur il-parte civile taht l-artikolu 412C li dan ghandu jifforma parti ntegrali ta' din is-sentenza filwaqt lliberatu mit-tienie (2) akkuza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmel Albert Mifsud minnu pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni akkuza, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Sussidjarjament/alternattivament, u biss f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta u tirriduci l-istess ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif hawn fuq spjegati.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-appellant hass ruhhu aggravat minn din is-sentenza in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti manifestament ghamlet enucjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi umili appell minn dina s-sentenza.

1. **L-Ewwel Aggravju** - Illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza billi din l-istess akkuza hija preskritta bi trepass ta' tlett xhur mid-data tal-incident. Fl-atti ma tirrizulta ebda prova dwar id-data li fiha gie notifikat l-appellant ghajr il-prezenza tieghu fl-ewwel seduta tal- 25 ta' Marzu 2013.
Illi wkoll, fi kwalunkwe kaz, mill-istqarrija tal-appellant irrizulta li a kuntrarju ta' dak deciz mill-ewwel Qorti, l-appellant waqaf meta sehh dan l-incident:-

*M;* Ghaliex ma waqaftx wara li hbatt?
T: Waqaft. U regghu ittawlu mit-tieqa mbaghad tlaqt.

2. **It-Tieni Aggravju** - Illi l-appellant jirrileva li l-interpretazzjoni u konkluzjoni tal-Ewwel Qorti ghar-reat ta' hsara volontarja hija bir-rispett kollu wahda zbaljata, u dan ghaliex hemm nuqqas evidenti f'dak li jirrigwarda l-elementi ta' dan ir-reat. F'dan il-kaz il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma wasslux sal-grad rikjest mil-ligi ghal sejbien ta' htija dwar l-ewwel akkuza u cioe fejn l-appellant **volontarjament,** hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura li ghandha numru ta' registrazzjoni SIS-001, proprjeta' ta' Charlie Agius detentur tal-karta tal-identita' numerata 567474M, liema hsara hija ta' aktar minn €1,164.69c ghad-dannu tal-istess Charlie Agius. Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-appellant ikkometta r-reat kontemplat fl-Artikolu 325(l)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan hu aktar fid-dawl tal-fatt illi l-appellant gie liberat mit-tieni akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

Illi fil-kamp penali l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha biss issib htija jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u minghajr ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-appellant. L-icken dubju kkawzat f'dawn il-provi prodotti mid-difiza kellu jmur favur l-appellant. Din hi l-prassi legali, u huwa ghalhekk principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi dikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni. Dan il-fatt gie esplorat fid-dettall fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer, fejn il-Qorti rriteniet li '*dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.*'

Illi f'dan il-kaz, l-appellant m'huwiex jikkontesta li huwa kkaguna hsara fuq il- vettura bin-numru ta' registrazzjoni SIS-001 madanakollu huwa qieghed jikkontesta li din il-hsara gie kagunata b'mod **volontarju**. F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma kellhiex biss tressaq provi li l-hsara giet kagunata minhabba azzjoni da parti tal-appellant, izda kellha tressaq provi sodisfacenti li kien hemm volontarjeta' da parti tal-appellant li jikkaguna hsara fil-vettura ta Charles Agius; u l-prova regina sabiex tissussiti l-ewwel akkuza fil-konfront tal-appellant kellha tkun it-testimonjanza ta' Charles Agius u/jew martu Fiona Agius.

Minn ezami tax-xhieda moghija *mill-parte civile* u martu Fiona Agius jirrizulta li huma fl-beda hin ma raw dan l-incident isehh. Kull ma xehdu kien biss illi huma semghu lill-appellant jghid kliem hazin u kien ghalhekk illi huma ikkomunikaw mal-pulizija ezekuttiva. Dwar il-hsara kagunata fil-vettura, Fiona Agius xehdet biss illi hija semghet hoss u wara li l-appellant telaq minn fuq il-post, harget sabiex ticcekkja x'kien gara. La Charles Agius u lanqas Fiona Agius ma xehdu dwar kif gie kagunat dan l-incident, jew addirittura dwar kif l-appellant beda jsuq il-vettura tieghu, izda jidher li hallew ghall-

immaginazzjoni tal-Qorti l-fatti li wasslu lill-prosekuzzjoni sabiex takkuza lill-appellant bir-reat kontemplat fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Albert Schembri moghtija fit-3 ta April 2008 il-Qorti ma sabitx htija tal-akkuzat tar-reat kontemplat fl-Artikolu 325 (l)(a) tal-Kap 9, fejn gie ritenut li *'Il-Qorti hi tal-fehma li l-hsara giet imwettqa minnu hu u jimmanuvra l-vettura barra mill-garaxx tieghu, izda jibqa' dubju ragonevoli jekk dik il-hsara saretx apposta jew le.*'

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-appellant kien korrett u ikkoopera bis-shih mal-prosekuzzjoni tant li wiegeb ghal kull domanda li saritlu u ghalaq billi sahaq li jiddispjacih ghal dak illi kien gara. Mill-istqarrija tal-appellant irrizulta s-segwenti:-

*M:* Jigifieri int apposta dhalt fil-karozza tieghu?
T: It-Triq dejqa u x'hin qlajt bis-salt il-karozza haditni u dhalt fil-genb tieghu.
M: Imma inti kellek intenzjoni li tolqotlu l-karozza?
T: **Xejn**

Illi ghalhekk certament li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija fl-appellant dwar ir-reat kontemplat fl-artikolu 325(l)(a) tal-Kap 9 u b'hekk l-appellant kellu jigi liberat minn din l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi huwa principju stabbilit fil-gursiprudenza tal-Qrati taghna, li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitati mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli

fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Dan hu propju l-kaz in ezami.

**3.** It-Tielet Aggravju - Illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata in kwantu sabet lill-appellant hati li kkagunat danni ta' aktar minn €1,164.69c stante li anke f'dan ir-rigward, il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi li ma jħallu l-ebda ombra ta' dubju li d-darmi sofferti mill-parte civile kienu fis-somma li jaccedu l-ammont ta' €l,164.69c. Fl-ewwel lok jinghad illi fir-rigward tad-danni allegatament sofferti, l-prova *tal-quantum* gie prodott *ex parte* u ma gie nominat l-ebda espert mill-Qorti u b'hekk kwalunkwe prova f'dan ir-rigward ma kellha qatt tigi accettata. Fit-tieni lok dwar ix-xhud Alfred Gatt in rapprezentanza ta Alf Gatt Company prodott mill-prosekuzzjoni xehed illi d-dokument li gie prezentat hu biss stima tal-*parts* li gew mitluba mill-*parte civile.* Ghalhekk certament li ma saritx l-ahjar prova dwar il-valur tal-hsarat allegatament sofferti mill-*parte civile.* Meta si tratta ta' stima ta' valur ta' oggett bhal dak hawn in kwistjoni fejn il-prezzijiet ivarjaw minn kumpanija għal ohra, hi aktar impellenti li l-istima ssir minn persuna bil-garanziji necessarji ta' indipendenza u imparzjalita' li jista' jipprovdi persuna esperta nominata mill-Qorti.

Galadarba dan ma intalabx mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma kellha qatt tistrieh fuq l-istima li ghamel ix-xhud imsemmi u fin-nuqqas ta' provi ohra legalment ammissibbli, l-Ewwel Qorti lanqas ma kellha ssib htija tal-akkuzat fir-rigward tal-valur tad-danni allegatament sofferti *mill-parte civile.*

**4.** Ir-Raba' Aggravju – Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall- premess, jekk din il-Qorti joghgobha tichad l-aggravji dwar is-sejbien ta' htija, jirrizulta wkoll li ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-

ligi, jinghad li fic-cirkostanzi tal-kaz din hi wahda eccessiva.

*Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet* **Il-Pulizija {Spt. T. Micallef) vs John Gauci,** "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carinen Butler" [26.2.2009]:- "II-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bemard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni tista' targumenta li l-appellant ghazel li ma jirregistrax ammissjoni, pero' huwa daqstant iehor minnu li hadd ma jista' jigi punit ghax jaghzel li jikkontesta l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu - partikolarment fil-kaz odjern meta hemm kontestazzjoni serja kif ingħad aktar qabel, u tali kontestazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti saret b'mod lejali u korrett - u lanqas hu sew li jkun hemm daqstant avarija enormi bejn min jagħzel li jikkontesta u min jaghzel li jammetti - anke billi skont il-gurisprudenza d-*discount* fil-piena li jinghata lil min jammetti mhux daqstant qawwi daqs id-diskrepanza fil-piena li kien hemm f'dan il-kaz ma' pieni solitament erogati mill-istess Ewwel Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi nhar il-25 ta Marzu, 2013 xehed l-allura **Spettur Roderick Zammit** u spjega kif nhar it-3 ta' Ottubru, 2012 kien gie infurmat minn Surgent 1585 James Weatherill illi kien hemm kwistjoni bejn Charles Agius u Carmel Albert Mifsud l-appellant. Jidher li dan Mifsud mar fil-proprjeta ta' Charles Agius u dan ma ridx jiftahlu u kif kien sejjer 'l hemm sab il-vettura tieghu u laqathielu. Il-vetturi koncernati huma Peugeot 206 abjad li jgib in-numru ta' regitrazzjoni DBI 908 u hija registrata fuq l-appellant Carmel Albert Mifsud. Huwa esebixxa document markat bhala dok RZ6 kif ukoll Peugeot 406 bin numru ta' registrazzjoni SIS 001 illi hija registrata fuq Charlie Agius immarkata bhala dok RZ7. Esebixxa ukoll dikjarazzjoni ta' rifjut ta' parir legali ta' l-appellant markata bhala dok RZ8 u zewg stimi wahda minnhom fl-ammont ta' €885 mahruga minn Clint Cauchi f'isem Nigret Garage fuq hsarat fuq l- Peugeot li ghadu kif semma markata bhala dok RZ 9 kif ukoll ricevuta ohra li tammonta ghal €643.56 mahruga minn Alf Gatt auto parts dwar xoghlijiet li saru fuq l-istess Peugeot markta bhala dok RZ10.

Huwa kien kellem lill-appellant u dan kien qallu illi Charlies Agius jafu ghaliex kellu negozju mieghu fuq forn tal-hobz, meta mistoqsi dwar ir-rapport li kien dahal u cioe' li kien saq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DBI098 u kkaguna hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni SIS001, u staqsih hux veru dan wiegeb li iva. Meta mistoqsi jispjega x'gara huwa qal li kellu argument fuq il-forn li kien wella lil Charlie Agius u kien ilu minn nhar il-Hadd ta' qabel jipprova icempillu biex jirrangaw l-affarijiet. Huwa kompla jghid illi dakinhar stess huwa kien marlu gewwa d-dar tieghu Haz Zebbug u cempillu darbtejn u beda jara lilu u lil mara tieghu jittawlu minn wara t- tieqa pero' ma jifthulux. Huwa qal li infiska, tela' rega gewwa l- vettura

tieghu tal-ghamla Peugeot 206, startja qala' bis-salt u baqa' diehel fil-karozza ta' Charlie Agius. Qal li t-triq kienet dejqa u x'hin qala bis-sahha l-karozza haditu u dahal fil-genb tieghu.

Huwa qal li ma kellux intensjoni li jolqotlu l-karozza, waqaf rahom jittawlu mat-tieqa imbagha telaq 'l hemm. Huwa qal li ma marx ihabtilhom mill-bieb jghidilhom x'kien gara meta kien habat u meta mistoqsi jekk jiddispjacihx talli ghamel huwa qal li iva pero' ghall-ewwel kien mahruq. Huwa ghandu jiehu xi flus minghandu u li ma kienx qed inizilha li dan ma riedx ikellmu. Meta mistoqsi jekk kienx lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat li kien ghamel huwa qal li le 'l ghaliex kellu jiehu xi flus minghandu. Huwa esebixxa l-istqarrija li giet rilaxxjata mill-appellant nhar it-3 ta' Ottubru, 2012.

**PS 1586 James Weatherhill** xehed nhar il-25 ta Marzu, 2013 (fol. 27) u kkonferma l-okkorezna redatta minnu esebita fl-atti u markata bhala dok RZ3. SPjega illi Chalres Agius kien mar l ghassa tal-pulizija fit-3 ta Ottubru 2012 ghall-habta tal-11.30 u rraporta li l-appellant kien qed imur wara l-bieb tad-dar tieghu u ihabbatlu l-bieb u dan ma riedx jiftahlu fuq ordni tal-avukat tighu. Zied jghidlu li ma xtaqx li l-appellant ikompli jmur wara l-bieb tad-dar tieghu u sabiex ma jghamilx aktar kuntatt mieghu. Huwa kien staqsa lil dan Agius x'kienet ir-raguni u dan qallu li kien hemm xi kawza civili bejniethom pendenti l-Qorti fuq xi forn. U fil-pront tah id-dettalji ta' dan il-persuna, l-appellant odjern u telaq.

Huwa pprova jghamel kuntatt mal-appellant pero' l-pulizija rnexilha tghmel kuntatt mal-mara tal-appellant certu Rita Mifsud u talabha biex tibghat lil zewgha l-ghassa.

Aktar tard Agius rega' ghamel kuntatt maghhom u qalilhom li kien ghadu kif sema hoss kbir fuq il-karozza tieghu li kieneat barra it-triq fejn meta hreg ra lill-appellant bil-vettura tieghu barra fit-triq fejn ighix u raw il-vettura ta' dan Mifsud kient ghadha kif

tat daqqa lil vettura taghhom bin-numru ta' registrazzjoni SIS001 u dak il-hin talbu imur l-ghassa u hemmhekk iccekja l-hsarat li kien hemm. Innota li din kient fuq il-mudguard ta' quddiem, mudguard ta' wara u l-genbkollu tan-naha tax-xellug.

Minn hawn u minn hemm jghid li l-appellant mar l-ghassa wkoll waqt li kien taht agitazzjoni qawwija fejn mill-ewwel ammetta dak li kien ghamel u ra wkoll li l-vettura ta' Mifsud kellha xi hsarat. Lilu qallu li kien ghamel hekk peress li ma setghax jghamel kuntatt ma dan Agius kemm bit-telefon u lanqas meta jmur ihabbatllu l-bieb biex jigbor il-flus li ghandu jiehu fuq xi kwistjoni ta' forn.

Qal li kellu kuntratt u kien silef il-van tal-hobz lil dan Agius biex jahdem bih u kien qed jirceivi hafna tickets f'ismu waqt li kien qed jghamel uzu minnu Agius u beda jhossu sfruttat pero' ikkollobora mal-pulizija ammetta u imbaghad huwa nforma lis-superjur tieghu. Huwa gharaf lill-imputat illum appellant bhala il-persuna ta Mifsud li kin mar l-ghassa.

**Charlie Agius** xehed nhar il-25 ta' Marzu, 2013 u kkonferma li kien hu li ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija nhar it-3 ta' Ottubru, 2012. Spjega li dak in-nhar kien id-dar f'Haz Zebbug u tela Charles b'referenza ghall-imputat u huwa baqa' god-dar tieghu. Huwa ghamel rapport l-ghassa li dan Charlie kien mar wara il-bieb tad-dar tieghu. Meta kien wara il-bieb tad-dar tieghu beda jidghi u wara xi zmien telaq l'hemm.

Pero' rega' mar aktar tard u ghamillu xi hsara fuq il-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 406 nurmu ta' registrazzjoni SIS 001. Huwa mar ghand panel beater sabiex jara kemm kienet il-hsara li kellu u tah l-ircevuti ta' kollox inkluz il-VAT.

Nhar it-28 ta April 2014, ix-xhud esebixxa numru ta' ritratti li gew markati bhala dok CA1 u gew mehuda minnu fil-garage tal-panel beater meta kien ha l-vettura biex tissewwa.

**Fiona Agius** mart Charlie Agius xehdet u kkonfermat li l-appellant mar ihabbat wara l-bieb tad-dar taghhom nhar it-3 ta' Ottubru, 2012. Dak il-hin l-appellant beda jghajjat, jidghi u jitkellem hazin barra fil-bieb taghhom u kien ghalhekk li ma fethulux.

F' daqqa u l-hin semghet hoss u harget tittawwal mit-tieqa u rat li l-vettura ta' Mifsud kellha daqqa u telqet tigri. Taf li kien qed isuq karozza tal-ghamla Peugeot 106 u marru jghamlu rapport l-ghassa.

**Clint Cauchi** xehed u muri l-ircevuta markata bhala dok RZ 9 jghid li jgharafha u qal li dik hi l-istima tal-hsara li kellha l-karozza Peugeot 406 proprjeta' ta' Agius kulur maroon bl-ittri tar-registration plate SIS. Ikkonferma li d-daqq kient fuq in-naha tax-xellug. Mistoqsi jekk jiftakarx id-data ta' meta hareg l-istima jghid li ma jiftakarx pero' jaf li kienet fis-sena 2017. Kul ma qallu dan Charles Agius kien li xi hadd kien laqtu u kellu bzonn stima tal-hsarat li kien hemm fuqha.

In kontro-esami nhar it-2 ta' Marzu, 2015 ix-xhud ikkonferma li kien irranga l-hsarat sofferti minnhu. Ikkonferma li thallas kemm tal-ispray kif ukoll tax-xoghol tal-panel beating. Ikkonferma wkoll li l-bibien gew mibdula u mhux irrangati. Kien hemm ukoll ix-xiri ta' indicator gdid u xi affarijeit zghar ohra. Qal li l-parts ma kienx xtrahom hu izda l-klijent Agius u mistoqsi jekk xtrahomx minghand Alfred Gatt Limited ighid li jista' jkun.

**Alfred Gatt** xehed nhar it-28 ta April 2014 (fol. 42) u stqarr li huwa ghandu s-socjeta' Alfred Gatt company Ltd. Muri id-dokument a fol. 26 tal-process jghid li ma kienx hu li

hargu pero' xi had mis-socjeta' tieghu. Jghid li l-istima harget ghas-somma ta' €643.26. Mistoqsi jekk rax il-vettura personalment iwiegeb fin-negattiv. Muri sett ta' ritratti u mistoqsi jekk il-valur moghti fl-istima jirrflettix il-hsara fuq il-vettura iwiegeb fl-affermattiv. Jghid li l-parts ma inxtrawx minghandu, kienet biss stima u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni jghid jekk il-parts in effetti inxtrawx jew le. Mistoqsi jekk il-prezz tal-parts jistax jonqos jekk jinxtraw wara qal li l-probabilita' li l-prezz jghola.

L-**imputat Carmel Albert Mifsud** kien irrilaxxja stqarrija nhar it-3 ta' Ottubru, 2012 li tinsab esebita fl-atti a fol. 14 u markata bhala dok RZ4. F'din l-istqarrija jistqarr li huwa jahdem fil-hobz u kkonferma li jaf lil Charlie Agius ghax kellu negozju mieghu fuq forn tal-hobz. Mistoqsi jispjega dwar l-incident li kien sehh dak in-nhar stress tal-istqarrija jghid li kellu naqra ta' argument fuq il-forn li kien wella lil dan Agius u li kien ilu mill-Hadd ta' qabel jipprova icempillu sabiex jirranga l-affarijiet. Dak in-nhar mar id-dar tieghu gewwa Haz Zebbug u cempillu darbtejn u kemm hu kif ukoll martu bdew jittawlu minn wara t-tieqa u ma jifthulux. Huwa infiska, telgha gol-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 206, startja, qala bis-salt u baqa' diehel fil-karozza tieghu.
Mistoqsi jekk kienx ghal tal-apposta li dahal fil-vettura ta' Agius jghid li it-triq hija dejqa u peress li qala bis-salt il-karozza haditu u dahal fil-genb taghha.

Mistoqsi jekkkellux intensjoni li jolqot il-karozza ta' Agius jghid 'xejn'. Jghid li huwa waqaf ra lill-kojugi Agius iharsu minn wara it-tieqa u kien ghalhekk li qabad u telaq 'l hemm.

Mistoqsi jekk jafx x'ghamla hi l-vettura li habtet go fiha jghid li hija Peugeot 406 u hija proprjeta ta' Charlie Agius. Jghid li kien mahruq u peress li ghandu jiehu l-flus minghandu u mhux qed ikelmu irrabja. Mistoqsi jekk hux lest ihallsu tal-hsarat iwiegeb fin-negaattiv u jghid dan ghax huwa ghandu jiehu minghandu.

L-imputat appellant xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar l-1 ta' Gunju 2015 u kkonferma li l-hsara li kien hemm fuq il-Peugeot kient madwar il-mudguard tan-naha tax-xuffier. Ikkonferma li l-vettura ta' Agius kienet ipparkjata barra d-dar tieghu waqt li hu jghix Hal Qormi.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti fil-qososr kienu is-segwenti:

1. Illi bejn l-imputat/appellant u l-parte civile Charlie Agius kien hemm xi negozju fuq xi forn tal-hobz fejn allegatmaent l-appellant ghandu jiehu xi flus minghand il-parte civile, pero' dwar din il-pendenza jidher li hemm kawza civili.
2. Ili l-parte-civile Agius kien qed jipprova jevita lill-appellant tant li meta l-appellant mar wara d-dar tieghu dan ma fetahlux.
3. Illi l-appellant fi kliemu stess meta ra hekk 'infiska' u dahal fil-karozza tieghu Peugoet 106, irriversja bi-salt u dahal fil-vettura ta' Agius tal-ghamla Peugeot 406.
4. L-appellant kien irrabjat hafna meta ghamel din il-manuvra u spicca ikkawza danni ingenti lill-vettura ta' Agius.
5. L-konjugi Agius ma rawx lill-appellant jahbat pero' rawh jimmanuvra barra mit-triq dejqa b'rabja kbira.
6. L-appellant jammetti li laqat l-vettura ta' Agius pero' ma jridx ihallsu tal-ispejjez ghaliex ighid li Agius huwa debitur tieghu fuq haga ohra.

Din il-Qorti tirrilieva li r-rikros ta l-appell tal-appellant huwa ibbazat principalment fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-ligi applikabbli ghal-kaz .

Illi l-appell huwa prinċipalment ibbażat fuq l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi**[1]'

'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2] " ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3] " ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace** [4]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5] " u ohrajn .)' (Emfażi miżjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi ċitati jinsabu fin-noti fil-qiegħ tal-paġna)

---

[1] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005

[2] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.

[3] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta Frar, 1989.

[4] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta Mejju, 1991.

[5] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta Mejju, 1991.

Ikkunsidrat ukoll:

'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*" (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392).' (Emfażi miżjuda)

L-appell huwa bbażat fuq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha bili ghamlet enunzjazzjoni u interpretazzjoni applikazzjoi zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.

Fl-ewwel kaz l-appellant gie akkzuat talli ikkaguna hsara volontarja fuq il-vettura prorpjeta ta' Charlie Agius u dan ai termini tal-artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-difiza qed issostni li semmai il-hsara li kkaguna l-appellant hi wahda involontarja. Din il-Qorti taqbel ma dak sottomes fi-difiza fir-rikors tal-appell tieghu u li sahansitra gie trattat minnha oralment quddiemha li sabiex issusisti r-reat ta' hsara

[6] [1969] 1 QB 276

volontarja l-prosekuzzjoni tid tripprova l-volontarjeta' tal-att. Ghalhekk fil-fehma tad-difiza l-prosekuzzjoni kellha tipprova l-intensjoni li kellu Agius li jghamel hsara fil-proprjeta' ossia vettura ta' Agius.

Mhuwiex bizzejjed li l-prosekuzzjoni tripprova li kien hemm il-hsara izda trid tipprova li din l-istess hsara giet ikkagunata b'mod volontarju mill-appellant. Jigifieri l-appellant ried jkun jaf bir-rizultat ta' ghemilu u li dak ir-rizultat huwa dak li kien mixtieq minnu.

F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni pprovat illi l-appellant kien irrabjat hafna, tant li ex amissis l-appellant stress jghid li kien ''infiskjat', li kien l-appellant li saq il-vettura tieghu b'nuqqas ta' hsieb tant li dahal fil-vettua ta' Agius. L-appellant stess jghid li t-triq kienet wahda dejqa u ghalhekk kien mehtieg li jzomm proper look out huwa hu hiereg mill-istess trejqa u mhux kif jghid hu johrog 'bis-salt'. Il-Qorti tapprezza li l-appellant seta kien irrabjat ghaliex il-kwerelant ma fetahlux il-bieb meta mar ihabbat pero' dan ma wassalx sabiex l-appellant jidhol fil-karozza tieghu u b'nuqqas ta' hsieb jirriversja ghal fuq karozza ohra. Il-fatt li l-appellant ma iddispjacihx tal-konsegwenza ta' ghemilu u li ma jridx ihalls lill-parte civile ghal-hsara huwa indikattiv li effettivament l-appellant verament u b'mod volut ried jikkaguna il-hsara fil-vettura prorpejta' ta' Agius. Dan ir-reat ta' hsara volontarja jista' jigi dezunt biss mill-agir ta' dak li jkun. Huwa test oggettiv li jrid isir mill-gudikant a bazi tal-provi cirkostanzjali tal-kaz biex il-gudikant jasal sabiex jifhem l-itnezsjoni tal-malvivent li kkometta dan ir-reat.

L-appellant fir-rikors tieghu jilmenta li l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati ta' hsara volontarja fl-ammont ta' aktar minn €11,164.69 stante li ma gie nominat l-ebda espert sabiex jikkwantifika l-hsarat u l-Qorti strahet biss fuq ix-xhieda ta' xhud ex-parte prodott mil-prosekuzzjoni.

Il-pozizzjoni legali kif kristallizzata fil-gurisprudenza hija s-segwenti:- L-artikolu 650 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' haga tkun tinhtieg sengha specjali, ghandha tigi ordnata perizja w l-periti jigu maghzulin mill-Qorti (Art. 650(2).)

Pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawza "Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar" [23.9.2005], meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha, m' ghandux jitqabbad perit jekk tali valutazzjoni tal-fatti ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali". Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. (ara ukoll "Il-Pulizija vs. Lorita Pace" [7.12.2006].)

Issa fil-kaz in desamina l-prosekuzzjoni tramite x-xhud l-allura spettur Roderick Zammit esebiet zewg dokumenti relatati mal-hsarat u cioe' DOk RZ9 li hija stima li harget minn Clint Cauchi fejn iddieskriva il-hsara li huwa ghamel tiswija fuqha fl-ammont ta €885 u document iehor dwar parts mixtrija minghand Alf Gatt autoparts markat bhala dok RZ 10 fl-ammont ta €643.56. Illi pero' l-prosekuzzjoni ma waqfitx hemm u dan ghaleix resqet bhala xhud kemmm lil Clint Cauchi jixhed u dan kkonferma li in effetti id document RZ 9 inhareg minnu li jirrifletti l-hsarat li kellha l-vettura ta' Agius. Spjega fejn kienet id-daqqa. Mhux talli hekk izda l-istess xhud rega' xehed wara li saru ix-xoghlijiet u gie soggett ghal kontro-ezami tad-difiza. Jinghad li fl-ebda hin ma d-difiza oggezzjonat kemm ghall-esbizzjoni ta' dan id-dokument u lanqas ghal kontenut tieghu u lanqas ma ntalab mid-difiza li jigi nominat xi espert ghar-rigward tal-hsarat. Fir rigward tad document RZ10 jinghad ukoll li in effetti jirrizutla anke mix xhieda ta Alfred Gatt li l-parts inxtraw. Ghalhekk din il-Qorti kif del resto jidher li kienet l-ewwel Qorti hi sodisfatta dwar l-quantum tal-hsarat sofferti minn Agius a bazi

ta' dawn iz-zewg dokumenti u ghalhekk zgur li jirrizutla li l-ammont kien eccess ghas somma ta € 1,164.69.
Dwar it-tieni akkzua moghtija mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellant ma jidhirx li hemm xi appell u dan wara lil l-ewwel Qorti ma sabitux hati taghha.

Dwar it-tielet akkzua u cioe' dik kontravenzjonali jidher li l-incident sehh nhar it-3 ta' Ottubru 2012, il-komparixxi giet iffirmata mill-ispettur Roderick Zammit nhar is 26 ta' Novembru 2012 waqt li l-ewwel seduta appuntata ghas-smiegh ta' din il-kawza kienet il-25 ta' Marzu 2013 ghal-liema data kien prezenti l-appellant. Illi f dan ir-rigward l-appellant jirrileva li din it-tielet akkuza hija preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante it-trapass ta' tlett xhur minn meta sehh ir-reat. Illi fl-atti ma jirrizultax li in effetti l-appellant gie notifikat fi zmien tlett xhur minn meta sehh l-incident u ghalhekk tali difiza qed tigi milqugha.

Dwar il-piena l-appellant ukoll jipprezenta aggravju u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-piena inflitta mill-ewel Qorti hija wahda ecessiva minkejja li din tirrientra fil-parametri tal-ligi.

L-appellant ifisser fir-rikors tieghu li l-proseskuzzjoni tista' targumetna li l-appellant ma irregistrax ammissjoni u ghalhekk ghandu jigi punit b'mod aktar sever. Illi dan l-argument fil-fehma ta' din il-Qorti hu wiehed in diskuss ghaliex l-appellant ghandu kul dritt ma jirregistrax ammissjoni u jissottometti ruhu ghal proceduri tal-Qorti u jkollu smiegh xieraq fejn jista' jiddefendi lilu innifsu. Dan hu dritt sancit kemm mill-Kodici Penali kif ukoll bil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja.
Dwar il-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti fejn hemm registrat li l-appellant gia kiser dufrejgh mal-ligi fi tlett okkazzjonijiet ghalkemm huwa veru li lkoll antecdentement ghar-reati in desamina. F'dawk il-convictions li inter alia jittrattaw theddid fuq persuna bi sturment bil-ponta u li jaqta, pusess ta' stument li jaqta' u bil-

ponta minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-pulizija, offizi naxxenti mill-Ordinanza tal-VAT fejn gie kkundannat ihallas multi. Cio nonostante pero' l-appellant ma jistax jtiqies bhala recidiv.

Il-piena applikabbli ghar reat li din il-Qorti qed issib lill-appellant hati hija dik provuta fl-artikolu 352(1)(b) fejn l-Qorti tista tikkundanna lil hati ghal piena karcerarja ta' bejn tmien xhur u erbatax-il xahar ghalhekk huwa minnu li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Illi id-difiza ma gabet l-ebda prova sabiex tikkonvinci li Qorti tbiddel il- piena inflitta mill-ewwel Qorti.

Ghaldqstant din il-Qorti filwaqt li qieghda tilqa' l-appell in parte billi qed tirrevoka dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza u minflok qed tiddikajra tali akkuza preskrita u konsegwentemnt tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultejuri ta' dik l-akkuza, qieghda tichad l-appell tal-appellant fejn talab lil din il-Qorit tirrevoka s-sentenza tal-ewwl Qorti f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u minflok qed tikkonfermaha f'dik l-istess parti u tichad l-appell tal-appellant fejn talab tibdil fil-piena inflitta b'dan illi qed tikkonfermaha fi rigward tal-piena inflitta u cioe billi qed tikkonfermaha fejn ikkundannatu ghall piena karcerarja ta' ghaxar (10) xhur sosipizi ghall-perijodu ta' tmintax-il xahar ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qed tikonfermaha ukoll fir-rigward tal-Ordni tal-Protezzjoni li hija harget fir- konfront tal-parte civile Charlie Agius bhala parti integrali tas-sentenza appellata.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef